# Mro. Emanuel Brincat
## A(Mus) LCM



Mro. Emanuel Brincat twieled Birkirkara fl-11 ta' Settembru, 1931. Ta' tnax-il sena beda jistudja l-mużika taħt missieru Mro. Carmelo Brincat.

Wara kost ta' studju bis-serjetà Emanuel ħareġ idoqq il-kurunetta mal-Banda ta' San Ġużepp tal-Ħamrun. Fl-istess żmien ukoll beda jdoqq mal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara u mal-Banda La Vallette, kien ukoll solista mal-Banda ta' Pulizija.

Fl-1954 is-surmast Brincat emigra lejn l-Awstalja. Anke hemm baqa' jdoqq, u fost il-baned li daqq magħhom insibu *The City of Adelaide Municipal Brass Band*, u s-*Senior Orchestra* tal-*Adelaide Conservatory of Music.* Meta Emanuel irritorna lejn art twelidu, huwa kompla l-istudju tiegħu fl-armonija sa ma kiseb id-diploma ta' A(Mus) LCM.

Fl-1958 Emanuel ġie ngaġġajt mar-Royal Air Force bħala mużiċist fejn ġie mibgħut fl-R.A.F. School of Music, Uxbridge, l-Ingilterra għall-eżamijiet fid-daqq ta' l-istrument primarju u sekondarju u għamel eżami wkoll fl-armonija minn liema eżamijiet Emanuel ħareġ bl-unuri kollha. Matul l-ingaġġ fl-RAF Emanuel għamilha ta' Band Master u mexxa l-Banda kemm waqt parati kif ukoll f'diversi okkażjonijiet oħrajn. Minkejja l-impenji kontinwi li Emanuel Brincat kellu mal-Baned fosthom il-King's Own tal-Belt Valletta, u diversi Dance Bands, huwa xorta baqa' b'sagrifiċċju kbir, isib il-ħin biex ikompli l-istudju. Għal madwar 9 snin Emanuel Brincat kein l-1st Trumpeter ta' l-Orkesta Nazzjonali.

Fit-3 ta' Jannar 1968 miet missier Emanuel, is-Surmast Carmelo Brincat, wara marda qasira, li dak iż-żmien kien is-surmast tal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara. Wara il-mewt ta' missieru, il-kumitat ta' l-imsemmija banda ħatar lil Emanuel bħala surmast direttur, f'lieama kariga mill-1968 sa l-1977 sakemm irreżenja.

Fl-1985 is-surmast Brincat ġie maħtur surmast direttur tal-Banda ta' Sant'Antnin ta' Padova. Ma' din il-Banda ħadem u stinka sa ma rnexxielu jagħmel l-ewwel programm mużikali li qatt għamlet il-banda, dan sar f'lejlet il-fest ta' Sant'Antnin ta' Padova li saret fl-24 ta' Ġunju, 1989.

Is-Surmast Brincat dam f'din il-kariga minn Ottubru ta' l-1985 sa Settembru ta' l-1992 sa ma ħass li kellu jirreżenja għal raġunijiet personali. Fil-preżent is-surmast Brincat huwa surmast onorarju tal-banda ta' Sant'Antnin.

- Kompożizzjonijiet tas-surmast Emanuel Brincat huma diversi:
- Overture Independence Day
- Air with Variation for B Flat Cornet 'Son of Malta'
- Suite No. 1 St. Helen
- Suite No. 2 Omaggio A Sant'Elena
- Marċi tal-Purċissjoni u żewġ marċi Funerbi
- Innijiet, fosthom 'Innu tal-Banda Sant'Antnin u l-Innu lil Sant'Antnin ta' Padova' bi kliem tas-surmast Brincat stess.
- Bosta Marċi brijużi